

## I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

## OPINJONIJIET

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

ta' 29 ta' Settembru 2009

fuq proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni tal-euro

(verżjoni kodifikata)

(CON/2009/76)

(2009/C 246/01)

**Introduzzjoni u bażi legali**

Fil-15 ta' Lulju 2009, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni fuq proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni tal-euro (Verżjoni kodifikata) <sup>(1)</sup> (minn hawn 'il quddiem ir-"regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 123(4), it-tielet sentenza, tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

Il-BĊE ġeneralment jilqa' l-kodifikazzjoni tal-*acquis communautaire*, partikolarment fil-qasam tal-unjoni ekonomika u monetarja, li tikkontribwixxi għal qafas ċar, effettiv u trasparenti legali.

Proposta ta' abbozzar speċifika tidher fl-Anness akkumpanjata b'test spjegattiv f'dan is-sens.

Magħmul fi Frankfurt am Main, fid-29 ta' Settembru 2009.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

<sup>(1)</sup> KUMM(2009) 323 finali.

## ANNEX

## Proposti tal-abbozzar

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE <sup>(1)</sup> , <sup>(2)</sup>
-------------------------------	--

**Emenda 1**

## Dispożizzjonijiet finali

“Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, skont l-Artikolu 249 tat-Trattat, bla ħsara għall-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet rigward ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet rigward id-Danimarka u l-Artikolu 122(1) tat-Trattat.”	“Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, skont <del>l-Artikolu 249 tat-Trattat, bla ħsara għall-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet rigward ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet rigward id-Danimarka u l-Artikolu 122(1)</del> <b>it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.</b> ”
---	---

## Spjegazzjoni

Il-kliem suġġerit isegwi l-gwida pprovduta mill-manwal ta' preċedenti għal atti stabbilit fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (doc. SN 1315/1/08 Rev 1, paġna 3), disponibbli bl-Ingliż fuq <http://ec.europa.eu>, fejn jingħad li “Dan il-kliem għandu jiddaħħal minflok il-kliem tas-soltu meta r-regolament ma jkunx japplika għal, jew fi, l-Istati Membri kollha (eż. l-Istati Membri li ma jieħdux sehem fl-euro...)”.

<sup>(1)</sup> Il-grassett fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi test ġdid.

<sup>(2)</sup> L-ingassar (~~strikethrough~~) fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE jipproponi li jħassar test.